**189. Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami jipproponi:-**

Billi l-artikolu 58 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Numru XV tal-1993) jipprovdi illi "Ħlasijiet għal ħtiġijiet speċjali ta' lokalità jew lokalitajiet għandhom isiru biss b'eċċezzjoni u wara Riżoluzzjoni għal hekk mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati"; u

Billi huwa xieraq li din il-Kamra talloka somma flus sabiex tagħmel tajjeb għal żbilanċi soċjali u demografiċi ta' xi Kunsilli Lokali; u

Billi fl-Estimi għas-sena 1995 il-Kamra tad-Deputati qed tiġi mitluba tapprova taħt Vot Rikorrenti Numru 3 l-infiq tas-somma ta' miljun, sitt mija u ħamsa u erbgħin elf liri Maltin (Lm1,645,000) għall-ħtiġijiet speċjali lil Kunsilli Lokali;

Għalhekk qiegħed jiġi b'dan riżolut li s-somma msemmija ta' miljun, sitt mija u ħamsa u erbgħin elf lira Maltin (Lm1,645,000) tiġi allokata inkwantu għal somma ta' mhux aktar minn tliet mija, tlieta u erbgħin elf, erba' mija u tnejn u sebgħin lira Maltin (Lm343,472) bħala fond għal ħtiġijiet speċjali għas-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1995 u inkwantu għal somma ta' mhux aktar minn miljun, tliet mija u elf, tliet mija u disa' liri Maltin (Lm1,301,309) bħala fond għal ħtiġijiet speċjali għas-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 u dan sabiex kull Kunsill ikun jista' jagħmel talba biex jiġi allokat lilu ammont minn dawn il-fondi skond il-kriterji li ġejjin:

(i) minħabba l-ħtieġa ta' tqegħid ta' paviment speċjali f'toroq u mogħdijiet f'ċentri storiċi;

(ii) minħabba l-ħtieġa ta' tagħmir speċjali f'toroq f'ċentri storiċi;

(iii) minħabba l-bini ta' playgrounds għat-tfal f'lokalitajiet fejn m'hemmx;

(iv) minħabba pjani biex jinbnew jew biex ikunu jistgħu jiġu wżati grounds tal-futball f'lokalitajiet fejn ma jeżistux dawn il-faċilitajiet;

(v) minħabba nuqqas ta' faċilitajiet jew tagħmir meħtieġa fuq ix-xtut;

(vi) minħabba l-ħtieġa ta' faċilitajiet u tagħmir għal postijiet ta' rikreazzjoni fil-kampanja;

(vii) minħabba żbilanċ ikkawżat mill-ispiża għaż-żamma u manutenzjoni ta' faċilitajiet pubbliċi li jkunu jeċċedu n-numru stabbilit skond il-popolazzjoni tal-lokalita';

(viii) minħabba żbilanċ li jirriżulta meta l-medja ta' numru ta' residenti għal kull dar tkun ta' anqas minn jew daqs 1.5;

(ix) minħabba żbilanċ ikkawżat bil-frekwenza ta' nies minn barra l-lokalita' għaliex fil-lokalita' jkun hemm għadd kbir ta' ċentri tan-negozju;

(x) minħabba toroq li jkunu ser jiġu rikostruwiti bħala parti mill-Programm għat-Tiġdid tat-Toroq;

(xi) minħabba nuqqas infrastrutturali bażiku;

(xii) minħabba funzjonijiet u obbligazzjonijiet speċjali tal-Belt Valletta;

(xiii) minħabba funzjonijiet speċjali ta' l-Imdina u l-Birgu;

Biex jintlaħaq l-iskop fl-ewwel kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn disgħa u erbgħin elf lira Maltin (Lm49,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tieni kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzarjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn għaxart elf lira Maltin (Lm10,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tielet kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fir-raba' kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fil-ħames kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn għaxart elf lira Maltin (Lm10,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fis-sitt kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn għaxart elf lira Maltin (Lm10,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fis-seba' kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1995 għandha tkun ta' mhux aktar minn wieħed u ħamsin elf, mija u erbgħa u għoxrin lira Maltin (Lm51,124) u għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn ħamsa u ħamsin elf lira Maltin (Lm55,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tmien kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1995 għandha tkun ta' mhux aktar minn mija, wieħed u sittin elf, sitt mija u ħmistax-il lira Maltin (Lm161,615) u għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn mija u tmenin elf lira Maltin (Lm180,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fid-disa' kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1995 għandha tkun ta' mhux aktar minn mija u tletin elf, seba' mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm130,733) u għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta'mhux aktar minn mija u sebgħa u sebgħin elf, tliet mija u disa' lira Maltin (Lm177,309);

Biex jintlaħaq l-iskop fl-għaxar kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn seba' mitt elf lira Maltin (Lm700,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fil-ħdax-il kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn ħamsin elf lira Maltin (Lm50,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tnax-il kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn għaxart elf lira Maltin (Lm10,000);

Biex jintlaħaq l-iskop fit-tlettax-il kriterju, is-somma allokata għas-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 1996 għandha tkun ta' mhux aktar minn għaxart elf lira Maltin (Lm10,000).

07.12.1994